MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 584/2013

**P.J. Sutters (Marketing) Limited**
**(C 35984)**

**-Vs-**

**MK Leisure Limited (C36713)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti tas-17 ta' Gunju 2013 mahlufa minn Joseph Rapa (K.I. 206670M) debitament awtorizzat, li jaqra hekk:

*1. "Illi s-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' mija erbghatax –il elf disa' mija seba' u tmenin Euro u tletin centezmu (€114,987.30c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u lilha konsenjata ;*

*2. Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex twettaq li hlas hija baqghet inadempjenti;*

*3. Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti s-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti ghat-talba ghall-hlas.*

*Tghid ghalhekk s-socjeta' intimata ghaliex ma ghadhiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess, u dispensat is-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*i. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' mija erbghatax – il elf disa' mija seba' u tmenin Euro u tletin centezmu (€114,987.30c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u lilha konsenjata;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali komputat mill-5 ta' Novembru 2012, li hija d-data tal-ahhar konsenja kontra s-socjeta' intimata bid-diretturi taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi s-socjeta' intimata baqghet ma dehritx fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2013, il-25 ta' Novembru 2013;

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta'Novembru 2013, Joseph Rapa, bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa' ma thallasx mis-socjeta' intimata;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi , tilqa t-talbiet tas-socjeta'rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra s-socjeta'intimata.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------